ĦARĠA NUMRU 38 - SAJF 2024

NEWSPAPER POST

# Nisġet *artna*

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



GVERN TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# IL-WERREJ

3 Messaġġ mingħand il-Ministru
4 Messaġġ mingħand is-Segretarju Parlamentari
5 Il-Lampuka f'Malta
6 Il-Programm Let's Talk Farming
10 Inawgurati ħames boilers fil-biċċerija pubblika
11 Skema ta' għajnuna finanzjarja lis-sajjieda minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-fuel
12 Razez domestiċi Maltin: Il-ħanżir Malti
13 Servizz ġdid ta' informazzjoni għall-bdiewa
14 Intervista mas-Sur Saviour Debono Grech
18 Il-Malta Agrifair 2024
20 Użu effiċjenti għall-iskart mill-industrija tat-tiġieġ
21 Investiment f'Impjant ġdid fil-biċċerija għall-produzzjoni tal-Mazzit
28 Parteċipazzjoni fi Skolasajf 2024
29 Jidħol fis-seħħ l-att dwar l-agrikoltura
30 Is-Sajd f'Malta

# EDITORJAL

Hekk kif ix-xemx titfa' l-qilla tad-dija dehbija tagħha fuq il-gżejjer ta' Malta, tindika l-wasla ta' staġun mimli tradizzjoni, festi, u sħana bla paragun – kemm fit-temp kif ukoll fil-qlub tan-nies tagħha. Merħba għall-edizzjoni tas-sajf ta' Nisġet Artna, fejn nibdew vjaġġ biex nesploraw varjetà vibranti ta' kultura Maltija matul dan iż-żmien mistenni tas-sena.

Fil-qalba tal-festi brijużi tas-sajf ta' Malta tinsab l-Imnarja, ċelebrazzjoni li għandha għeruq imħawla fi tradizzjonijiet li ilhom jintirtu u jitħaddnu għal sekli sħaħ. L-Imnarja hija kalejdoskopju ta' veduti, ħsejjes, u togħmiet, li tiġbed, kemm lin-nies tal-lokal, kif ukoll lill-viżitaturi biex jieħdu gost bis-sbuħija tagħha. Hija ċelebrazzjoni li tonora speċifikament frott l-art, il-bhejjem li jirgħuha u xogħol idejn il-bdiewa u r-raħħala. Insibu wkoll kompetizzjonijiet li kull sena jippremjaw is-settur agrikolu tradizzjonali fil-Ġonna tal-Buskett. L-Imnarja tiġbor l-essenza tal-identità Maltija f'kull aspett!

Lil hinn mill-isfera tal-festi, is-seħer tas-sajf ta' Malta jiffanfra l-bajjiet sbieħ tagħha. Kemm jekk tfittex ix-xtut trankwilli ta' Għawdex jew l-enerġija vibranti tal-Bajja ta' San Ġiljan, kull rokna tal-gżejjer toffri santwarju uniku fejn il-ġranet mikwija mix-xemx jitħalltu bla xkiel mal-iljieli ħienja ta' dan l-istaġun.

F'din l-edizzjoni ta' Nisġet Artna, nistednuk taqra l-artikli varji li għandna lesti għalikom. Ingħaqad magħna hekk kif niskopru min huwa s-Sur Debono Grech fl-intervista ta' din l-edizzjoni. Ejjew nibdew ukoll vjaġġ ta' skoperta fejn nitgħallmu aktar dwar ir-razez domestiċi tal-ħnieżer Maltin.

Bħal dejjem se ssibu artikli oħrajn fuq l-akwakultura, il-ħarsien tal-pjanti u r-rokna tat-tfal li tgħallimna fuq is-sajd f'Malta. Nispera li ħeġġiġtkom tkomplu taqraw din l-edizzjoni, filwaqt li nfakkarkom tingħaqdu magħna fuq il-paġni tal-Facebook uffiċjali tagħna 'Agrikoltura' u 'Sajd' biex issegwu l-aħħar aħbarijiet u proġetti li jkunu għaddejjin fi ħdan il-Ministeru tagħna f'ħin reali. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna dirett fuq l-indirizz elettroniku nisgetartna.mafa@gov.mt. F'isem it-Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, nixtiqilkom sajf mill-isbaħ mimli kultura u tradizzjoni.

Tislijiet,
Venere Sultana

Nisġet artna

Pubblikazzjoni maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, it-Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni • Agriculture Research and Innovation Hub
L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303




Ritratt meħud minn Daryl Agius

*Editur*
Venere Sultana

*Qari tal-provi*
Proofreading Malta

*Kontributuri*
Daryl Agius
Sharon Scerri
Stefan Cachia
Stephen M. Cassar
Arnold Sciberras
Jeffrey Sciberras
Claire Cauchi
Venere Sultana
Prof. Ruben Paul Borg
Prof. Everaldo Attard
Elizabeth-Rose Grima Delia Spiteri
Cornish
Robert Cutajar

*Stampar*
Government Printing Press

GOVERNMENT Printing Press

*Disinn*
Salesian Press

Salesian PRESS QUALITY PRINTERS

# MESSAĠĠ MINGĦAND IL-MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



Insellmilkom f'din il-ħarġa ta' Nisġet Artna li timmarka l-istaġun tas-sajf.

Meta wieħed iħares lura lejn il-ġimgħat u x-xhur li għaddew mill-bidu tas-sena l-ġdida jara kemm il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali wettaq ħidma sfiqa sabiex ikompli jsaħħaħ dawn is-setturi, fl-istess waqt li bqajna nkunu ta' spalla għal dawk kollha li jaħdmu f'dawn l-oqsma.

Nibda billi nsemmi ż-żjara importanti ħafna li kellna f'pajjiżna f'Jannar li għadda mill-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura Janusz Wojciechowski. Il-Kummissarju Ewropew seta' jara b'għajnejh ir-realtajiet agrikoli ta' pajjiżna, l-investiment u l-għajnuna tal-Gvern fil-qasam agrikolu. Matul iż-żjara tiegħu, il-Kummissarju żar numru ta' bdiewa u raħħala Maltin u Għawdxin, u kellu laqgħa kordjali mal-Prim Ministru Robert Abela. Hawn il-Prim Ministru saħaq li bil-€190 miljun allokati għal pajjiżna mill-baġit Ewropew, il-Gvern diġà introduċa numru ta' skemi li jgħinu direttament lill-bdiewa, fosthom skemi biex inħajru aktar żgħażagħ jidħlu f'dan is-settur.

Kif qed insemmi l-għajnuna li tajna, nagħmel referenza kif għal sena oħra l-Gvern qed jerġa' jinvesti fi skema ta' għajnuna fuq spejjeż addizzjonali relatati max-xiri tal-fuel għall-bastimenti tas-sajd. Din id-darba rajna lill-Gvern jerġa' jinvesti €1 miljun, sabiex kull sajjied Malti u Għawdxi full-time rreġistrat mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura jibbenefika minn ammont massimu ta' €100,000 – liema ċifra tirrappreżenta żieda ta' aktar minn 30% fuq l-ammont massimu li ngħata s-sena li għaddiet.

Insemmi wkoll kif il-Gvern kompla jinvesti fil-Biċċerija Pubblika sabiex din tilħaq swieq ġodda u fl-istess ħin tippreserva dak li huwa Malti. Ma nistax hawnhekk ma nsemmix l-investiment li għamilna f'impjant ġdid sabiex, wara nuqqas ta' 20 sena, bdejna naraw il-produzzjoni tal-mazzit li issa jista' jinxtara mill-ħwienet jew mill-proċessuri tal-laħam approvati. Id-domanda għal dan dejjem tikber u fil-fatt fl-ewwel xahrejn ta' din is-sena kienu qed jiġu prodotti madwar 800 kilo ta' mazzit fil-ġimgħa. Min-naħa l-oħra, fi Frar li għadda, fil-Biċċerija, b'investiment ta' €580,000, inawgurajna ħames boilers li se jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza tal-operat tagħha u b'hekk se tkun qed tnaqqas l-ispiża tal-fuel b'60%. Se jitnaqqsu wkoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sa 50% filwaqt li jinġiebu fix-xejn l-emissjonijiet ta' particulate matter.

Fuq livell legali rajna li nintroduċu qafas leġiżlattiv li jiġbor taħtu dawk il-liġijiet u regolamenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-agrikoltura u li sal-lum dawn il-liġijiet u regolamenti kienu jinstabu mxerrda taħt kapitli differenti tal-liġijiet ta' Malta. Bis-saħħa ta' dan l-Att se jkun possibbli li l-ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu joperaw b'mod ħolistiku u jkunu iktar effiċjenti u trasparenti.

Ġiet inawgurata żona għall-Meet and Greet fl-entratura rinovata taċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura fl-Għammieri, b'investiment totali ta' €650,000. Dan il-proġett, li kien jinkludi l-bini mill-ġdid tal-istruttura eżistenti fejn ġiet attrezzata b'tagħmir neċessarju u ġiet installata wkoll sistema aġġornata ta' sigurtà, huwa parti minn ħidma ta' riġenerazzjoni totali li qiegħda ssir f'dan iċ-Ċentru. Dan jinkludi entratura ġdida, bini ta' ħajt madwar iċ-Ċentru kollu u xogħol fuq il-parkeġġ estern, b'investiment totali ta' aktar minn €1.3 miljun. Sadanittant, ftehim ġdid se jkun qed iwassal biex il-bdiewa lokali jiġu pprovduti b'servizzi ta' informazzjoni fis-swieq tal-Pitkali f'Ta' Qali. Dan hekk kif ġie ffirmat ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Permezz ta' dan il-ftehim, se tiġi offruta għajnuna mill-uffiċċju tal-AgriConnect f'Ta' Qali kif ukoll f'Għawdex, biex dawk li għandhom bżonn is-servizzi tal-Awtorità tal-Artijiet jinqdew mill-uffiċini tagħna stess mingħajr il-bżonn li jżuru l-uffiċċju fil-Baviera, il-Belt.

Irrid insemmi wkoll il-ftehim importanti li sar bejn il-Ministeru tagħna u l-Ministeru tal-Edukazzjoni li permezz tiegħu se jerġa' jinfetaħ l-Isptar tal-Annimali f'Ta' Qali u fl-istess waqt, mis-sena skolastika li jmiss, jibda jiġi offrut il-kors tal-veterinarji minn din l-istess binja. Il-ħidma sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tal-Isptar tal-Annimali ma waqfitx u pajjiżna se jerġa' jkollu sptar tal-annimali li minnu se jiġu offruti servizzi veterinarji, fosthom għall-kura fit-tul tal-annimali.

Finalment ma nistax ma nsemmix is-suċċess kbir tat-tieni edizzjoni tal-Malta AgriFair 2024. Fiera li permezz tagħha komplejna nkabbru l-għarfien lejn ix-xogħol siewi li jagħmlu ta' kuljum il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda tagħna. Fuq kollox insellem lill-bdiewa, ir-raħħala, is-sajjieda u lil dawk li jaħdmu favur id-drittijiet tal-annimali. Inwegħedkom li lilna se tibqgħu ssibuna ta' spalla.

Grazzi,

Anton Refalo

*Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*



# MESSAĠĠ MINGĦAND IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

## ĦIDMA, RIFLESSJONI U RIĠENERAZZJON

Ħbieb,

Erġajna wasalna għal staġun sajfi ieħor. Għal ħafna, dawn it-tliet xhur huma opportunità biex ingawdu lill-familji tagħna fil-bajjiet ta' madwarna. It-temp bnazzi, karatteristika ewlenija f'pajjiżna tul dan l-istaġun, iħeġġiġna biex ingawdu l-ħin liberu tagħna iktar fl-apert, sew jekk ħdejn il-baħar, fil-kampanja mal-familja tagħna, inkella għand il-ħbieb jew il-familjari tagħna. Dawn huma l-elementi ta' kuljum, li tipikament jagħmlu dan l-istaġun għal qalb il-poplu Malti u Għawdxi.

Ftit tal-ġimgħat ilu ntemmet b'suċċess l-attività mistennija ta' kull sena, l-Agrifair.

Konna, bqajna, u se nkomplu naħdmu b'enerġija, b'umiltà u b'determinazzjoni. Kienu b'dawn it-tliet elementi kruċjali li lħaqna suċċess kbir f'din l-aħħar edizzjoni. Irnexxielna nlaqqgħu flimkien lil diversi produtturi, kumpaniji u koperattivi ma' konsumaturi lokali u internazzjonali.

Matul l-istess Agrifair, rajna wkoll il-konklużjoni tal-kompetizzjoni tal-Fishing for Recipes. Ħadt gost nara t-talent u l-immaġinazzjoni taż-żgħażagħ tagħna huma u joħolqu riċetti kreattivi minn ħut lokali u ingredjenti tradizzjonali. Nittama li kull min attenda għal dawn is-sessjonijiet, seta' jispira ruħu biex jixtarr iktar fuq dak li joffri s-sajjied u l-bidwi Malti, u jinkorpora iktar dawn l-ingredjenti lokali u nutrizzjonali fid-djar u fil-kċejjen tagħhom.

Minbarra dan l-avveniment, komplejna naħdmu għal aktar ġid favur l-annimali. Irnexxielna nniedu wkoll edizzjoni oħra tal-iskema 'Adopt a Pet'. B'din l-għajnuna, qegħdin inkomplu ninkoraġġixxu iktar familji jaddottaw annimal mill-Animal Welfare, u noffru lil dawn il-ħbieb tagħna opportunità ġdida għal ħajja mimlija mħabba, ferħ, u għożża. Flimkien ma' attivitajiet bħal 'L-Annimal l-Aktar Ħabib" li seħħet ftit ilu ġewwa Ħal Għaxaq, il-ftuħ mill-ġdid tal-Isptar tal-Annimali ġewwa Ta' Qali, il-korsijiet ġodda għal veterinarji li se jibdew jiġu offruti, u anki bil-kampanja 'Check your Pet' li nedejna fl-Expo tas-Servizz Pubbliku, fost diversi inizjattivi oħra, irridu nkomplu nħarsu lill-annimali tagħna u nsaħħu aktar id-drittijiet tagħhom.

Dan kollu huwa biss parti mir-riżultat frott il-ħidma kontinwa li qegħdin infasslu flimkien. Minkejja li l-istaġun tas-sajf huwa wieħed marbut mas-sajd u l-ħin liberu, b'mod partikolari għad-dilettanti li ma jagħmlux dan ix-xogħol ta' kuljum, għalina dawn it-tliet xhur ifissru impenji ġodda. F'dawn it-tliet xhur tas-sajf li ġejjin, se nkomplu nipproponu u nwettqu diversi proġetti oħra għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Tislijiet,

Alicia Bugeja Said

*Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali*




# IL-LAMPUKA F'MALTA

*Kitba ta' Daryl Agius – Uffiċjal Xjentifiku, Aquatic Resources Malta*

## INTRODUZZJONI

Is-sajf reġa' magħna! Dan ifisser li l-ġranet ħdejn il-baħar, barbeques, festi u d-delizzji li jirrikjedu temp xemxi jibdew jiżdiedu. Ifisser ukoll li l-kċina Maltija tibda tipprepara platti aktar sajfin, fosthom xi kisra ħobż biż-żejt, xi insalata tajba u l-famuża lampuka (*Coryphaena hippurus*). Hekk kif isir it-tberik tal-palm viċin il-festa ta' Santa Marija, jibda wkoll l-istaġun tal-kannizzati li jintużaw għall-qbid tal-lampuki. Minkejja li l-lampuka hija ħuta magħrufa mal-Maltin, ftit qatt ħasbu fuq il-bijoloġija ta' din l-ispeċi. F'dan l-artiklu ħa nkunu qed nesploraw din il-ħuta tant importanti għall-kċina Maltija.

## ASPETTI BIJOLOĠIĊI TAL-LAMPUKA

Il-lampuka hija speċi ta' ħuta pelaġika li nsibuha mad-dinja kollha f'ibħra tropikali u subtropikali, fosthom fl-Amerka u anke fl-Asja. Fil-Mediterran, din il-ħuta tidħol mill-Atlantiku għall-ħabta ta' Mejju u terġa' tirritorna lura fl-Atlantiku bejn Diċembru u Jannar. Il-Mediterran għandu temperatura ideali għal din l-ispeċi biex tirriproduċi. Din il-ħuta tilħaq il-maturità sesswali ta' madwar ħames xhur. Il-lampuka għandha pjuttost ħajja qasira u kapaċi tgħix sa bejn wieħed u ieħor erba' snin, però s-soltu jinqabdu ta' sentejn u iżgħar. F'dan iż-żmien, il-lampuka tista' tilħaq tul ta' żewġ metri, però s-soltu jinqabdu b'tul ta' madwar metru. Il-lampuka hija ħuta karnivora u d-dieta ta' din l-ispeċi tinkludi ħut bħas-sawrell, laċċi, inċova u msell, krustaċji u anke ċefalopodi.



*Analiżi tal-istonku fuq kampjun ta' lampuka ġewwa l-laboratorju tal-Aquatic Resource Malta (ARM)*

## IS-SAJDA TAL-LAMPUKI

L-individwi l-kbar ta' din l-ispeċi s-soltu jinqabdu bħala by-catch bil-knuz tal-pixxispad u tat-tonn. Kif semmejna fl-introduzzjoni, il-maġġoranza tal-lampuki jinqabdu bil-kannizzati (fish aggregating devices [FADs]). L-istaġun ta' dan l-irkaptu jibda mal-festa ta' Santa Marija fil-15 t'Awwissu u jibqa' miftuħ sal-aħħar ta' Diċembru. Dan l-irkaptu hu magħmul minn float li jkun imqabbad ma' ġebla tal-franka tqila minn tal-inqas 70kg. Mal-ħabel tal-kannizzata nsibu l-weraq tal-palm li joffri dell lil ħut żgħir. Din l-aggregazzjoni ta' ikel tattira l-lampuki. Is-sajjied imbagħad idawwar xibka madwar il-kannizzata biex jaqbad il-lampuki.

## IL-LAMPUKA U L-AQUATIC RESOURCES MALTA

L-Aquatic Resources Malta (ARM) tiġbor data (bħal tul, piż, piż tal-organi sesswali, sess u maturità) fuq din l-ispeċi li tiġi ppreżentata kemm lill-Unjoni Ewropea u anke lill-korpi regolatorji, fosthom l-International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT). B'din id-data nkunu nistgħu naraw kif sejjer l-istokk ta' din l-ispeċi madwar l-ibħra tagħna u bl-għajnuna ta' pajjiżi oħra nkunu nistgħu naraw kif in-numri tal-lampuki qed ivarjaw mas-snin f'ibħra internazzjonali. Biex niġbru d-data, ARM tagħmel kampjunament kemm mill-pixkerija u anke b'numru ta' osservazzjonijiet onboard fuq bastimenti kummerċjali tas-sajd. Minn ċerti kampjuni ta' din l-ispeċi jiġu studjati wkoll l-etajiet tagħhom. Biex isir dan, organu ħdejn il-widna tal-ħuta magħruf bħala otolith jiġi mneħħi minn ras il-ħuta u wara proċess ta' tnaddif u polixxjaturi, tkun tista' taqra l-età tal-ħuta minn linji trasparenti bl-għajnuna ta' mikroskopju. Analiżi tal-kontenut fl-istonku tal-lampuka jsir ukoll mit-tim bijoloġiku tal-ARM.



*Kif tidher Otolith ta' lampuka taħt mikroskopju. Ritratt meħud ġewwa l-laboratorju tal-ARM*

*Ritratt ta' fuq: Lampuka fis-selvaġġ. Ritratt meħud minn https://adriaticnature.com/archives/1200 • Platt tradizzjonali Malti; il-lampuka fiz-zalza popolari. fid-djar ta' ħafna familji Maltin. Ritratt meħud minn https://aceline.media/recipes/pan-fried-lampuki-fillets-with-an-olive-and-caper-red-wine-salsa/*

# IL-PROGRAMM LET'S TALK FARMING; IL-PREŻENZA FUQ IL-MEZZI TAX-XANDIR U L-MIDJA SOĊJALI

*Kitba ta' Sharon Scerri – Maniġer II – Programm Let's Talk Farming*







## INTERVISTI EDUKATTIVI

Minbarra l-materjal informattiv ipprovdut lill-iskejjel, seminars, kif ukoll numru ta' sessjonijiet informattivi online, fit-tieni edizzjoni tal-programm investejna fi preżenza regolari fuq programmi televiżivi u fuq ir-radju. L-għan hu li jiġġenera iktar għarfien dwar il-programm filwaqt li nipprovdu aġġornamenti dwar l-andamenti u l-preparamenti għat-tnedija tat-tielet edizzjoni li se tkun applikabbli wkoll għall-iskejjel medji u sekondarji.

Din il-kampanja edukattiva rat il-bidu tagħha f'Novembru 2023 u tasal fi tmiemha f'Ġunju 2024 qabel tispiċċa s-sena skolastika kurrenti. L-intervisti kienu f'bosta programmi varji fuq it-tliet stazzjonijiet televiżivi lokali fosthom TVAM, 'Għaddi s'Hawn', 'Illum ma' Steph' u 'Niskata' li jintwerew fuq l-istazzjon nazzjonali, 'ONE Breakfast' u 'Kalamita' fuq ONE, kif ukoll 'Bejnietna' u 'Ġimgħa b'Ġimgħa' fuq NET TV. F'din l-edizzjoni, allokajna wkoll ħin biex inkunu preżenti fuq ir-radju waqt il-programm 'Campus FM Living'. Bi pjan strutturat, ilħaqna telespettaturi f'ħinijiet varji filwaqt li stajna nikkollaboraw aħjar mal-mistiedna fosthom rappreżentanti tal-iskejjel parteċipi fil-programm u l-imsieħba. Dan il-pjan offra wkoll esperjenza unika lil bosta studenti li kienu fi studio ta' programm televiżiv u tkellmu dwar l-esperjenza tagħhom bħala studenti li qed jibbenefikaw mit-tagħlim tal-programm u jingħataw l-opportunità li jmiddu jdejhom, tant li għal xi wħud din ukoll kienet xi ħaġa ġdida għalihom.

*"Il-Let's Talk Farming beda minn idea ċkejkna li żviluppat b'interess ġenwin. Illum hawn għarfien kbir fuq il-ħsieb, il-kunċett u t-triq 'il quddiem. L-iskejjel tagħna huma l-muturi ewlenin biex dan il-programm ikompli jirnexxi. Bis-saħħa tal-midja qed inwasslu numru ta' attivitajiet u inizjattivi li qed isiru mill-istudenti tagħna flimkien mal-entitajiet li qed jissapportjaw dan il-programm edukattiv. Qed tinħoloq kuxjenza akbar dwar l-użu u l-benefiċċji tal-prodott lokali. Qed nuru li għandna prodott frisk u ta' kwalità, u li minkejja ċ-ċokon tagħna, qed jagħmilna tassew kburin! Nemmen li qed jitpoġġa fil-prattika l-ħsieb li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess. Il-fatt li qed nilħqu studenti żgħar fl-età, ifisser li qed ninvestu fil-ġenerazzjonijiet li telgħin. Nemmen ukoll li l-midja għandha rwol ċentrali u kruċjali f'dan kollu għax permezz tad-diversi forom tagħha, qed jitwassal messaġġ ċar u ħolistiku; anke fuq livell ta' sostennibbiltà tal-istess prodott lokali."*
– Is-Sur Kenneth Busuttil, il-Kap tal-Migrants Learners' Unit












## ID-DIRETTIVA DWAR IL-MIDJA SOĊJALI

Il-midja soċjali hija mod tajjeb ħafna biex l-iskejjel jingħaqdu mal-ġenituri/kustodji, l-istudenti u l-komunità fuq medda aktar mifruxa. Dan jippermetti lill-iskejjel jaqsmu informazzjoni importanti, juru l-kisbiet tagħhom, u jippromovu l-avvenimenti. Biex jiġi żgurat li l-iskejjel parteċipanti kollha jaderixxu mal-linji gwida tal-programm dwar l-użu xieraq tal-midja soċjali, tfasslet direttiva flimkien mat-taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni tal-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali li toffri linji gwida ta' kif l-iskejjel jimxu ma' proċedura li tiżgura li l-informazzjoni tkun korretta u tkompli ssaħħaħ l-għan tal-programm, jiġifieri l-edukazzjoni agrikola fost l-istudenti tal-livell tal-primarja.

*"Kien ta' gost u pjaċir tiegħi ninnota s-suċċess li l-programm Let's Talk Farming kellu fl-iskejjel tagħna matul din it-tieni edizzjoni. L-użu tal-midja soċjali għenet biex il-programm jibqa' jiġi segwit bil-mod li tant jixraqlu. Il-pjattaformi soċjali huma mingħajr dubju l-aħjar mezz biex wieħed imiss il-polz tal-udjenza, biex flimkien nitgħallmu dejjem aktar fuq il-biedja u kif il-prodott lokali jista' jiġi espost u magħruf mal-konsumatur Malti. Il-midja soċjali toffri wkoll mezz irħis u effettiv ta' kif dan jista' jseħħ. L-użu tal-pjattaforma bħal Facebook joffri wkoll opportunità li jintlaħqu nies b'interess partikolari fil-biedja u b'hekk jiġi żgurat li ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi fl-immarkitjar. B'hekk jikber ukoll l-għarfien tax-xewqat tal-udjenza, kif ukoll it-tisħiħ tal-identità tal-programm. Ir-riżultati jitkellmu waħedhom. Aħna grati tas-sapport li rċevejna mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' linji gwida skont id-Direttiva dwar l-użu tal-Midja Soċjali li ġiet imfassla speċifikament għall-għan tal-Programm. Inżid ukoll il-gwida mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Nemmnu li bit-tisħiħ tal-istrateġiji fuq il-midja soċjali se nkomplu niżviluppaw u nkabbru dan il-programm biex jilħaq aktar nies u niżguraw li l-prodott Malti jkompli jokkupa l-post għoli li tant jixraqlu."* – Is-Sur Brian Vassallo, il-Kap tal-Iskola Mariam Albatool






## L-INTERPRETAZZJONI TAL-BENEFIĊĊJI TAL-PROGRAMM FIL-MEZZI TAX-XANDIR

Wara l-iskeda ta' disa' intervisti li kellna fl-ewwel edizzjoni waqt il-programm 'Għaddi s'Hawn', din is-sena f'Jannar skedajna sitt intervisti oħra sabiex inkomplu nibnu fuq l-informazzjoni li tajna lit-telespettaturi u nispjegaw fid-dettall x'riżultat ksibna u x'tibdil ġie attwat fit-tieni edizzjoni bl-għan li jkompli jikber u jissaħħaħ l-għarfien dwar is-settur agrikolu.

*"Jiena verament ninsab kuntenta li għal darb'oħra, f'din l-iskeda reġa' kellna numru ta' intervisti edukattivi dwar dan il-programm li nqisu bħala storja ta' suċċess. Nieħu pjaċir niltaqa' ma' Sharon Scerri, il-Maniġer ta' dan il-programm, u napprezza l-mod ta' kif twassal informazzjoni interessanti u anke regolari lit-telespettaturi saħansitra b'aġġornamenti dwar l-andament tal-programm. Nemmen li dan hu programm li fis-sistema edukattiva, bħal katina qed jgħaqqad lill-ġenituri, mal-għalliema u l-istudenti. Programm li l-mod ta' kif jeduka jinvolvi l-prattika, programm miftuħ għal kulħadd, Maltin, Għawdxin, kif ukoll – kif rajna fit-tieni edizzjoni – studenti multikulturali fejn qed jitgħallmu japprezzaw dak li toffri artna. Mir-rispons, jidher li rnexxa u jalla jibqa' għaddej sabiex jilħaq studenti ta' etajiet varji. Nieħu gost ħafna jekk nara iktar skejjel kif ukoll imsieħba, li huma l-esperti fis-settur, li jingħaqdu mal-programm sabiex jgħaddu dan il-wirt edukattiv lill-ġenerazzjoni tal-futur. Grata li l-programm tiegħi kien wieħed mill-programmi televiżivi li ta spazju sabiex joħloq għarfien dwar dan il-programm."* – Is-Sa Antonella Vassallo, il-Preżentatriċi u l-Produttriċi tal-programm 'Għaddi s'Hawn' fuq TVM







## ESPERJENZA KULINARJA

Bi ħġarna lqajna l-istedina sabiex it-tema Let's Talk Farming tiddomina l-kċina fl-istudio televiżiv tal-programm 'Għaddi s'Hawn', tul il-programm kollu. Kienu xi edukaturi, studenti u ġenituri li jirrappreżentaw l-iskola Primarja B taż-Żejtun, waħda mill-iskejjel parteċipi fit-tieni edizzjoni tal-programm, li bi ħġarhom ippreparaw menù varjat, b'riċetti adattati għat-tfal ibbażati fuq l-element nutrittiv bl-użu ta' ħaxix, frott u prodotti oħra agrikoli lokali.



*"Il-Let's Talk Farming huwa programm intensiv li beda b'passi żgħar però kiber kull ġurnata għax jolqot kull stakeholder tal-iskola tagħna, lill-ġenituri u l-komunità biex b'hekk flimkien mal-edukaturi jikbru fl-għarfien fuq il-prodotti lokali. Tajjeb ngħid li flimkien għaddejna minn ħafna esperjenzi ġodda wkoll. L-opportunità li nsajru waqt programm televiżiv hija riflessjoni ta' għaqda u prova ċara li dan il-programm jgħaqqad lil kull min għandu għal qalbu l-interess lejn is-settur agrikolu u l-produzzjoni tal-ikel lokalment. Hi wkoll opportunità li tirrifletti kemm dan il-programm jista' jimraħ f'aspetti differenti, utli għalina wisq iktar għall-istudenti tagħna. Opportunitajiet bħal dawn mhumiex ta' kuljum. Għalhekk bi ħġarna lqajna l-istedina, ippreparajna għaliha minn qabel sabiex dakinhar tal-programm ħriġna mill-istudio bi tbissima liema bħalha"* – Is-Sa Valerie Caruana, Assistent Kap Skola Primarja B, Żejtun






# INAWGURATI ĦAMES BOILERS FIL-BIĊĊERIJA PUBBLIKA – L-ISPIŻA FUQ IL-FUEL SE TONQOS B'60%

*Kitba ta' Stefan Cachia – Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika*

Iktar kmieni din is-sena, il-Biċċerija Pubblika, bdiet tuża sistema ta' ħames boilers ġodda li permezz tagħhom, waqt li mmodernizzat is-sistema tat-tisħin tal-ilma, tejbet sostanzjalment l-effiċjenza fil-mod kif tuża l-enerġija.

L-impjant, li sar realtà permezz ta' investiment ta' €580,000, kien inawgurat fi Frar li għadda mill-Onorevoli Anton Refalo, Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Bħala medja, il-Biċċerija ssaħħan madwar 150 metru kubu ta' ilma kuljum fid-diversi proċessi tagħha. B'din is-sistema l-ġdida se tiġi anke żgurata l-indafa massima fl-impjant tal-Biċċerija, filwaqt li l-ispiża fuq il-fuel għat-tisħin tal-ilma se tonqos b'madwar 60 fil-mija.

Il-Ministru Refalo spjega li dawn il-boilers jirrispettaw l-ambjent, filwaqt li qed jgħinu wkoll biex jintlaħqu l-miri ta' Malta fil-qasam tat-tibdil fil-klima, il-kwalità tal-arja u l-miri għall-iżvilupp sostenibbli (SDGs).

"Dan l-investiment hu miżura oħra li tikkonferma li l-Gvern hu kommess bil-fatti biex ikompli jgħin lill-bdiewa u r-raħħala Maltin u jkun żgurat il-futur tagħhom. Jeħtieġ li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura ta' dan is-settur, partikolarment bl-użu tat-teknoloġija, u b'hekk ngħinu wkoll biex tissaħħaħ il-kwalità tal-prodotti agrikoli Maltin," qal il-Ministru Refalo.

Fil-Biċċerija Pubblika sar investiment ukoll f'sistema ta' kontinġenza billi ġie rinnovat boiler qadim f'każ ta' bżonn. Inxtraw ukoll vaporizer, sistema ġdida ta' heat exchangers, u sistema ta' tifi tan-nar.

Min-naħa tiegħu, id-Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika Stefan Cachia qal li "dan l-investiment se jgħin biex insaħħu l-effiċjenza tal-Biċċerija u fl-istess waqt inkomplu nnaqqsu l-impatt ambjentali billi nnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sa 50%, waqt li prattikament inġibu fix-xejn l-emissjonijiet ta' particulate matter. Dan se jwassal għal titjib fil-kwalità tal-arja għall-ħaddiema tal-Biċċerija, għall-klijenti tagħna, kif ukoll għal dawk li jgħixu fil-madwar."

Ritratti tad-DOI, Jeremy Winnacott

*Id-Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika, Stefan Cachia, flimkien mal-Onorevoli Anton Refalo, Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*






# SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA LIS-SAJJIEDA MINĦABBA Ż-ŻIEDA FIL-PREZZIJIET TAL-FUEL

*Kitba ta' Stephen M. Cassar – Senior Maniġer fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura*

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura ħass il-bżonn li fi żmien ekonomikament diffiċli, jerġa' jestendi l-iskema ta' għajnuna finanzjarja fuq spejjeż addizzjonali relatati max-xiri tal-fuel mis-sajjieda kawża tal-konflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna.

Dan l-inċentiv huwa mmirat biex titħares u tissaħħaħ l-industrija tas-sajd f'Malta, filwaqt li tkompli tiġi assigurata l-produzzjoni tal-ikel lokali. L-inflazzjoni tal-fuels bla dazju kellha effett sostanzjali fuq l-attivitajiet tas-sajjied lokali. Is-sajjieda kkumpensaw għal dawn iż-żidiet billi naqqsu l-ispejjeż fuq il-bastimenti tagħhom, billi naqqsu l-ġranet li qattgħu fuq il-baħar jew waqqfu l-attività tagħhom. F'dan il-kuntest, din l-iskema ta' għajnuna għandha l-għan primarju li żżomm il-prezzijiet tal-fuel stabbli billi tipprovdi assistenza fuq spejjeż addizzjonali.

Din l-iskema hi applikabbli għal sidien ta' bastimenti liċenzjati bħala MFA u li huma reġistrati mad-Dipartiment. Sajjieda li diġà kienu applikaw mal-ewwel u mat-tieni sejħa ta' din l-iskema ġew notifikati li l-applikazzjoni tagħhom ġiet awtomatikament estiża, filwaqt li dawk is-sajjieda kollha eliġibbli li qatt ma applikaw intbagħtitilhom applikazzjoni ħalli jkollhom opportunità biex jibbenefikaw.

L-ammont dedikat għal din l-iskema għall-2024 huwa ta' €1,000,000 minn fondi nazzjonali. Din l-inizjattiva taqa' taħt il-Qafas Temporanju li jiffoka fuq l-impatt ekonomiku kkawżat minħabba l-konflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Sa tmiem l-2024, is-sajjieda se jkunu bbenefikaw minn total ta' €2,717,000 mill-bidu ta' din l-iskema.

L-ammont ta' benefiċċju lil sajjieda individwali jiġi kkalkulat billi d-Dipartiment jara l-medja tal-prezzijiet tal-fuel għal kull xahar meta kkomparat mal-prezz tal-fuel kif kien fi Frar 2022 (linja bażi) u jiddetermina ż-żieda tal-prezz medju ta' kull litru fuel.

Wara dan, l-għajnuna finanzjarja lil kull sajjied hija determinata billi tiġi mmultiplikata din iż-żieda fil-prezz għal kull litru fuel mal-ammont ta' litri attwalment ikkonsmati fil-perjodu rispettiv.

Il-baġit dedikat għal kull sajjied eliġibbli ġie miżjud minn €75,000 għal €100,000, filwaqt li huwa estimat li din l-iskema se tkun ta' għajnuna għal madwar 330 sajjied Malti u Għawdxi.

*Ritratt ta' fuq: L-Onorevoli Ministru Anton Refalo flimkien mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said u d-Direttur is-Sur Dennis Calleja waqt il-konferenza stampa rigward l-Estenzjoni ta' Għajnuna Finanzjarja għas-Sajjieda fil-Prezz tal-Fuel*

# RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN: IL-ĦANŻIR MALTI

*Kitba ta' Arnold Sciberras u Jeffrey Sciberras – Riċerkaturi tal-bijodiversità*

Huwa kumbinazzjoni li skoprejna li xi darba Malta kellha razza ta' ħanżir lokali. Is-soltu, meta razza tkun sparixxiet, nixmu fuq l-għajdut li nkunu ġbarna u nibdew nibnu l-evidenza.

F'dan il-każ partikolari, l-uniku ħjiel li ksibna ta' din ir-razza huwa ritratt antik tal-1920, u kranju[1] li ġie mogħti lilna iktar minn 25 sena ilu. Il-kranju dam għand il-familja Vella aktar minn mitt sena, u miegħu dejjem kien hemm l-informazzjoni li dan kien ta' razza partikolarment Maltija. Peress li l-familja Vella kienet taf kemm aħna dilettanti, eventwalment tathulna bħala rigal. Il-kranju huwa pjuttost żgħir, simili għal dak ta' qażquż tar-razza Danish Landrace, però għandu nejbiet kbar li jindika li dan il-ħanżir partikolari kien adult. Bis-saħħa tal-assistenza minn Dr Gruppetta, sibna ritratt li hu l-unika evidenza tal-eżistenza ta' din ir-razza f'Malta.

Iktar ma bdejna nitkellmu ma' nies fis-settur tal-Majjali, skoprejna li kien hemm antenati minn tagħhom li jiftakru din ir-razza ta' ħanżir qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Huma jiddiskrivuh bħala ħanżir żgħir sewdieni, bi ftit pil, li kien jinżamm f'kundizzjonijiet kważi naturali, u mhux magħluq il-ħin kollu. Meta qabbilna l-kranju, sibna li l-eqreb razza tiegħu hija tal-Ħanżir Iswed Sqalli (Nero Siciliano). Fdalijiet li nstabu Malta jmorru lura



għaż-żmien Neolitiku, u juru li l-ħanżir kien ta' qagħda żgħira. Il-popolarità ta' din ir-razza f'Malta żdiedet bejn żmien il-Griegi u żmien il-Kartaġiniżi.

Sas-seklu għoxrin, din ir-razza kienet komuni, iżda f'dak iż-żmien bdew deħlin razez ta' ħnieżer barranin. Ir-ritratt provdut minn Ellis diġà jindika li l-ħanżir Malti beda jiġi mħallat ma' ħnieżer impurtati minn Prievsda li kienet tifforma parti mill-Jugoslavja.

Il-ħanżir lokali kien popolari wkoll fil-kultura Maltija, saħansitra evolviet it-tradizzjoni tal-Ħanżira tal-Erwieħ. Fl-antik, il-konfraternità tal-parroċċa f'ċerti rħula kienet tiddobba ħanżir u kien jitħalla jdur għal rasu fit-toroq biex kulħadd jitimgħu. Meta l-ħanżir jikber u jismen, dan kien jinbiegħ, u l-flus kienu jingħataw għall-quddies tal-erwieħ. Din it-tradizzjoni kienet issir f'numru ta' rħula, fosthom il-Gudja, Ħal Qormi u x-Xewkija, Għawdex. F'verżjoni kemxejn differenti ta' din l-użanza, ftit qabel l-Għid tal-Erwieħ, jiġifieri fl-1 ta' Novembru, kienet tintelaq ħanżira fit-toroq tar-raħal biex kulħadd jitmagħha. Fil-festa mbagħad tinqatel biex tittiekel minn nies foqra tar-raħal. Leġġenda partikolari dwar il-ħanżir Malti tgħid li waħda minn dawn il-ħnieżer, filwaqt li pruvaw jaqbduha, ħarbet mir-raħal, daħlet ġo wied, daħlet ġo għar u sparixxiet, u mbagħad baqgħet tidher għal xi żmien. B'hekk illum għandna l-ismijiet Wied Ħanżir u Għar Ħanżir assoċjati ma' din il-leġġenda.

Il-ħanżir Malti beda jonqos ġmielu, tant li m'hemmx aktar evidenza tiegħu wara s-snin



erbgħin. Ritratti li ħarġu wara juru ħnieżer żgħar imma ta' lewn bajdani. Probabbilment din hija kawża tat-taħlit mar-razez barranin, li tilfu l-karatteristiċi tar-razza Maltija. It-trobbija nbidlet ukoll maż-żmien għaliex saret aktar intensiva u, għaldaqstant, il-mod kif kien jgħix il-ħanżir Malti xxekkel. Fis-sebgħinijiet, f'Malta daħlet il-marda tal-African Swine Fever li kompliet teqred il-popolazzjonijiet tal-ħnieżer lokali. Fl-1979 inbena r-razzett iżolat ġewwa Kemmuna biex titkattar popolazzjoni ġdida ta' ħnieżer, u dan il-post dam jopera sal-2011. Hija ħasra li tlifna daqshekk razez Maltin b'ġenetika unika u, sfortunatament, ċerti razez inqerdu qabel ġew iddokumentati. Nisperaw li fil-futur ikollna aktar informazzjoni dwar din ir-razza.

Nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Ian Ellis tar-ritratt oriġinali u lill-familja Vella tas-sapport kollu li tatna. Grazzi lil Dr Anthony Gruppetta, Dr Catherine Portelli, Dr Nathalino Fenech, is-Sur Charles Saliba u lis-Sur Daniele Bigi tal-informazzjoni li għaddewlna.

Għal aktar informazzjoni, żuru l-paġna *Columbatopia* fuq Facebook: https://www.facebook.com/Columbatopia.

1 *Il-parti tal-iskeletru ta' ras annimal.*

Referenzi: J.D. Evans. The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands. Athlone Press, London, 1971.
Barbara Rischkowsky, D. Pilling (eds.) (2007). List of breeds documented in the Global Databank for Animal Genetic Resources, annex to The State of the World's Animal Genetic Resources for Food and Agriculture. Rome: Food and Agriculture Organization of the United Nations. ISBN 9789251057629. Aċċessat, Mejju 2014.




# SERVIZZ ĠDID TA' INFORMAZZJONI GĦALL-BDIEWA PPROVDUT MILL-AGRICONNECT ĠEWWA TA' QALI

*Kitba ta' Claire Cauchi – Uffiċjal Agrikolu Prinċipali*

Permezz ta' ftehim bejn il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Awtorità tal-Artijiet, it-taqsima tal-Agriconnect fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura se tkun qed toffri servizz ġdid mill-uffiċċju ġewwa Ta' Qali sabiex dawk il-bdiewa li għandhom bżonn is-servizzi tal-Awtorità tal-artijiet, jinqdew minn fejn il-Pitkalija stess mingħajr il-bżonn li jżuru l-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet ġewwa l-Belt.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo tenna li permezz ta' dan il-ftehim importanti mal-Awtorità tal-Artijiet qed naraw li jkompli jiġi ffaċilitat iktar il-proċess sabiex jiġu pprovduti aktar servizzi għall-bdiewa Maltin u Għawdxin, u jkunu jistgħu jinqdew minn post wieħed. Persuna li jkollha bżonn dan is-servizz tista' tinqeda billi tagħmel appuntament mal-uffiċjal li se jkun qed jirrappreżenta l-awtorità li se tkun qed topera minn ġewwa l-uffiċini tal-Agriconnect li jinsabu f'Ta' Qali biswit il-Pitkalija.

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali Stefan Zrinzo Azzopardi qal li l-għan ewlieni ta' dan il-ftehim huwa sabiex b'hekk jintlaħqu aktar bdiewa u raħħala u dawn ikunu jistgħu jinqdew mill-Awtorità b'aktar konvenjenza u kumdità. Fost dawn is-servizzi, l-Awtorità se tkun qed toffri informazzjoni dwar mili ta' applikazzjonijiet fuq artijiet agrikoli li bħalissa qed jintużaw bħala barrieri, applikazzjonijiet fuq ċnus li skadew jew waslu biex jiskadu, domandi fuq ċens jew qbiela, u għajnuniet oħra li jafu jiġu bżonn il-bdiewa u r-raħħala.

Dan is-servizz se jkun qiegħed jingħata b'appuntament billi wieħed iċempel l-uffiċċju tal-AgriConnect fuq 2180 4981/2/4.

*Iffirmat ftehim bejn il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Awtorità tal-Artijiet*



*Ritratt ta' fuq: It-tnedija tal-uffiċċju tal-Agriconnect ġewwa Ta' Qali*



# Intervista
## MAS-SUR SAVIOUR DEBONO GRECH

*Kitba ta' Venere Sultana – Maniġer 1, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

Illum ingħaqadna mas-Sur Saviour Debono Grech, id-Direttur Ġenerali għad-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali, sabiex nintroduċuh mal-qarrejja tagħna u xejn xejn tqabblu wiċċ familjari li jirrappreżenta sezzjoni importanti mill-industrija fil-Ministeru tagħna.

### 1. X'ġibdek lejn dan il-qasam tax-xogħol?

Minn dejjem kelli x-xewqa li nispiċċa naħdem f'dan is-settur. Meta kont żgħir, missieri kien il-Ministru responsabbli minn dan is-settur u b'hekk tista' tgħid li għaddejt tfuliti kollha viċin in-nies li jikkontribwixxu lejn is-settur agrikolu.

### 2. Kieku kellek tagħżel karriera oħra, x'kienet tkun? U xorta kienet tkun relatata mas-setturi li tmexxi?

Kieku kelli nagħżel karriera oħra kienet tkun karriera fl-isport tal-futbol. Sfortunatament f'pajjiż żgħir bħal tagħna, l-opportunitajiet li taqla' l-għejxien tiegħek mill-isport huma limitati. Illum il-ġurnata l-futbol inżommu bħala passatemp. L-irwol tiegħi bħala kowċ għenni biex nagħraf li l-organizzazzjoni kif ukoll it-tmexxija ta' grupp ta' nies lejn għan prinċipali nista' napplikah fix-xogħol tiegħi sabiex niggwida lill-uffiċjali li jagħmlu parti mid-Dipartiment sabiex jilħqu l-miri tas-settur.

### 3. X'kien l-aktar mument li ħassejtek kburi bħala Direttur Ġenerali tal-Affarijiet Rurali?

Ili naħdem f'dan is-settur mill-2016, l-ewwel bħala Direttur tal-Agrikoltura u dawn l-aħħar erba' snin bħala Direttur Ġenerali. Tul dawn is-snin kien hemm diversi mumenti fejn ħassejtni sodisfatt bil-ħidma li saret. L-aktar mument għal qalbi huwa l-organizzazzjoni tal-Imnarja tas-sena li għaddiet għaliex wara tant żmien din il-festa tradizzjonali ġiet organizzata b'tali mod li tat l-importanza meħtieġa sabiex dawk il-bdiewa u r-raħħala li tant għandhom għal qalbhom dan is-settur ikunu jistgħu jaqsmu mal-pubbliku l-attività tagħhom matul jiem ta' ċelebrazzjoni li tixraq lil din il-festa.

### 4. Hemm xi kurżità dwarek li tixtieq taqsam magħna?

Jien persuna li miegħi tkun taf fejn qiegħed. Nemmen li s-sinċerità ma' kull persuna hija importanti. L-unika ħaġa li forsi hija ta' kurżità fuqi hija li jien perfezzjonist u nkun irrid nagħmel kollox fil-ħin. Xi ħaġa żgħira oħra hija li għandi biża' kbira mill-ġrieden.

### 5. Fejn nistgħu nsibuk meta ma tkunx fuq ix-xogħol?

Jien inħobb ħafna l-ħin mal-familja u nipprova nqatta' ħin kemm jista' jkun mal-familja meta ma nkunx xogħol. Però kif diġà għidt qabel, jien għandi passjoni lejn il-logħba tal-futbol. Inqatta' ħafna mill-ħin liberu tiegħi madwar dan il-passatemp li tant inħobb. Minbarra li jien kowċ tal-futbol inħobb insegwi ħafna logħob ta' kull tim, u allura hemm ċans kbir li ssibni ġewwa xi stadium insegwi xi logħba. Għandi vantaġġ f'dan ir-rigward għaliex il-mara tiegħi tħobb tara l-futbol ukoll, allura b'ġebla waħda nolqot żewġ għasafar. Fortunat minn dan il-lat.

*Tnedija tal-Imnarja 2023 mal-Onorevoli Anton Refalo*





Il-ftuħ tal-Malta Agrifair 2024 mill-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono

### 6. Min jispirak?

Il-ġenituri tiegħi huma żewġ persuni li dejjem ispirawni sabiex nimxi 'l quddiem. Lil ommi tliftha 18-il sena ilu però għadha punt ta' riferiment kontinwu f'ħajti. Missieri huwa bniedem li ħadem viċin tan-nies li qiegħed naħdem magħhom jien fil-preżent. Il-ġenituri tiegħi dejjem għallmuni biex naħdem għal dak li nemmen fih u nibqa' dejjem viċin il-ħaddiema għaliex kulħadd huwa importanti. Żewġ pilastri oħra f'ħajti li jispirawni sabiex nibqa' għaddej huma l-mara u t-tifel tiegħi. B'xogħol bħal tagħna jekk ma jkollokx lil min issib ta' sostenn u inkoraġġiment f'mumenti diffiċli ma jkunx faċli.

### 7. Fejn tara lilek innifsek fi żmien 10 snin?

Illum il-ġurnata ma tantx nara lili nnifsi f'ambitu differenti mil-lum. Kuntent ħafna naħdem f'dan is-settur allavolja xi kultant huwa settur li jkollu l-isfidi tiegħu wkoll. Però li nara lill-bdiewa u r-raħħala jimxu 'l quddiem sabiex jagħtu servizz lill-konsumatur Malti u Għawdxi huwa ta' sodisfazzjon għalija.

### 8. X'jaffaxxinak l-aktar dwar is-setturi li tmexxi?

Is-settur li naħdmu fih aħna huwa wieħed li jaffronta sfidi kontinwi u nemmen li għalina, bħala gżira żgħira maqtugħa mill-kumplament tal-Ewropa, l-isfidi jkunu daqsxejn aktar diffiċli. Xi ħaġa li taffaxxinani hija li l-bdiewa u r-raħħala tagħna jagħtu kollox u jissieltu sabiex jibqgħu jwasslu l-ikel fuq il-platt tal-konsumatur tagħna, ikel frisk u bnin, minkejja l-isfidi kollha li jaffaċċjaw. Aħna, min-naħa tagħna bħala Ministeru, nibqgħu fuq quddiem nett biex nissalvagwardjaw l-interessi tagħhom għaliex nafu u nagħrfu s-sagrifiċċji kollha li jagħmlu għalina l-Maltin u l-Għawdxin.

### 9. Kieku kellek iċ-ċans li terġa' tibda mill-ġdid, x'tagħmel differenti?

Jiena nemmen li persuna jagħmel il-passi f'ħajtu li hu f'dak il-mument jemmen li huma l-aħjar għalih. Minn kull sitwazzjoni persuna titgħallem u tiżviluppa f'persuna iktar soda fil-ħajja ta' kuljum. Ma naħsibx li nbiddel dak li għamilt għaliex nemmen li dak li għamilt għamiltu sabiex is-sitwazzjoni ta' madwari tkun aħjar f'dak il-mument. Ovvja dejjem ikun hemm xi ħaġa li tista' tkun aħjar però huwa iktar faċli tikkoreġi wara li tkun esperjenzajt ċerti affarijiet.

### 10. Kieku hawn sħabek, x'jgħiduli dwarek?

Sħabi jistgħu jgħidu li jien onest u dirett. Miegħi dejjem taf fejn qiegħed. Ma nasal qatt biex ngħid xi ħaġa biex nintgħoġob ma' persuna u mbagħad nagħmel il-kontra minn warajh.

### 11. B'liema modi int l-istess minn meta kont tfajjel u issa?

Jekk kelli nieħu spunt minn ħajti, naħseb li jkun li dejjem ħdimt għall-għanijiet li nemmen fihom u nimxi bl-onestà ma' ta' madwari.

### 12. Għal xiex tixtieq tiġi mfakkar?

Nixtieq nibqa' mfakkar bħala l-persuna li dejjem ġibt il-ħaddiem fuq quddiem għaliex kulħadd huwa importanti. M'hemmx distinzjoni fil-gradi fuq ix-xogħol meta mkejjel mar-rispett.

### 13. Liema mistoqsijiet isaqsuk ħafna bħala Direttur Ġenerali tal-Affarijiet Rurali?

Mistoqsija kostanti hija: Qegħdin tagħmlu xi ħaġa oħra sabiex tgħinu lis-settur? Meta niġi mistoqsi mistoqsija bħal din dejjem inħoss li għandi nwieġeb iva. Aħna, bħala uffiċjali fi ħdan il-Ministeru flimkien mas-Segretarju Permanenti tagħna s-Sur Sharlo Camilleri, dejjem niddiskutu fejn nistgħu ntejbu u nippruvaw insibu modi oħra biex ngħinu lil dan is-settur tant għal qalbna għaliex nemmnu li jekk ma jkunx hawn il-bdiewa u r-raħħala fil-pajjiż, il-prodott Malti jintilef u b'hekk inkunu tlifna ħolqa importanti fil-ħajja tagħna, li huwa l-ikel frisk u bnin Malti.

Grazzi lis-Sur Saviour Debono Grech talli ddedika ħinu sabiex jirrispondi xi mistoqsijiet li għamilnielu u grazzi lilkom il-qarrejja li wrejtu interess f'din l-intervista. Tisimgħu mingħandna fl-edizzjoni li jmiss fejn inlaqqgħukom ma' membru ieħor importanti ġewwa l-ministeru tagħna!

Mument mill-Imnarja 2023 waqt il-kompetizzjonijiet tal-ġmiel tal-baqar




AgriFair






atriga







Merlot DOK Malta
2022
10 Barriques
Ex Tank 20





Benna
FRESH MILK




KMMN


















alta
griFair
2024


















# IL-MALTA AGRIFAIR 2024: EDIZZJONI OĦRA TA' SUĊĊESS

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali tella' t-tieni edizzjoni tal-Malta AgriFair fil-preżenza tal-Eċċellenza tagħha, il-President ta' Malta, Myriam Spiteri Debono. Dan l-avveniment kien maħsub biex jiċċelebra s-setturi tal-Agrikoltura, is-Sajd, u l-Akwakultura ta' Malta, filwaqt li jenfasizza r-reżiljenza, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fi ħdan is-setturi.

Wara s-suċċess tal-edizzjoni inawgurali fl-2022, it-tieni edizzjoni rat fuq 50,000 viżitatur, u kellha 60 esebitur. Għal darb'oħra, il-fiera ta' din is-sena offriet lil dawk li attendew esperjenza immersiva li turi l-aqwa mill-agrikoltura u s-sajd lokali.

Il-Malta AgriFair 2024 ipprovdiet opportunità unika biex wieħed jesplora r-reżiljenza u r-riżorsi tal-bdiewa Maltin, u kopriet



*Baqra esebita waqt l-AgriFair*

aspetti varji bħall-apikultura, l-ortikultura, u t-trobbija tal-annimali. Dawk li attendew setgħu jitgħallmu dwar l-uċuħ tar-raba' u jgawdu minn ikel tradizzjonali Malti.

Il-viżitaturi kellhom ukoll iċ-ċans jitgħallmu dwar is-sajd u l-akwakultura sostenibbli, b'enfasi fuq il-baħar għani lokali. Il-fiera kellha wkoll informazzjoni dwar l-aħħar avvanzi fil-prattiki tas-sajd, it-teknoloġiji tal-akwakultura, u l-isforzi ta' konservazzjoni.

Il-kompetizzjonijiet tal-bhejjem, fosthom il-Wirja tal-Baqar u l-Kompetizzjoni tal-Mogħoż u n-Nagħaġ, urew l-aqwa bhejjem lokali. Barra minn hekk, il-Malta AgriFair 2024 serviet bħala pjattaforma għall-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni, fejn ospitat diskussjonijiet, panels, workshops, u sessjonijiet







edukattivi li indirizzaw kwistjonijiet ewlenin u opportunitajiet ta' investiment fis-setturi agrikoli, tas-sajd u tal-ikel ta' Malta.

Il-varjetà kulinari offruta mill-Malta Chef's Society fil-Malta AgriFair 2024 inkludiet kompetizzjonijiet gastronomiċi, bl-għan li twitti t-triq għal futur aktar b'saħħtu u reżiljenti għall-industriji agrikoli u tas-sajd ta' Malta.





















L-Università ta' Malta · FUSION The R+I Programme · Research Excellence Programme · Xjenza · The Malta Council for Science & Technology

# UŻU EFFIĊJENTI GĦALL-ISKART MILL-INDUSTRIJA TAT-TIĠIEĠ

*Kitba ta' Prof. Ruben Paul Borg, Prof. Everaldo Attard u s-Sa Elizabeth-Rose Grima Delia Spiteri Cornish – Il-Fakultà tal-Ambjent Mibni u l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali*

Matul is-snin li għaddiet, l-Università ta' Malta kienet involuta fi proġett li investiga kif l-iskart mill-industrija tal-annimali jista' jiġi trasformat fi prodotti ta' valur f'industriji differenti. Il-Fakultà tal-Ambjent Mibni flimkien mad-Diviżjoni tax-Xjenzi Rurali u tas-Sistemi tal-Ikel (RSFSD), fi ħdan l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ħarġu bi proposta fejn ir-rix tat-tiġieġ jiġi mibdul ġo fibri li jtejbu l-kwalità tal-konkos fl-industrija tal-bini, filwaqt li l-iskart tal-għadam u partijiet tat-tiġiega li ma jittiklux jiġu mibdula ġo biochar li jgħin sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħamrija fl-industrija tal-agrikoltura. Dan huwa proġett partikolari fejn ġie muri li kull parti tat-tiġieġa għandha użu importanti.

Minn studju li sar lokali ħareġ li kull xahar huwa stmat li sebgħin elf tunnellata skart tat-tiġieġ, minn mitt għelf tiġieġa, jiġi ġġenerat u inċinerat. F'dan l-istadju, l-irmied m'għandu l-ebda użu jew benefiċċju u għalhekk, barra dan, hemm il-problema tal-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra li jkomplu jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Dan l-istudju investiga kif ir-rix jista' jintuża sabiex titjieb il-kwalità tal-materjali li huma bbażati fuq is-siment. Sabiex iseħħ dan, ir-rix ġie ttrattat permezz ta' proċess fejn ġie maħsul u mqatta' f'biċċiet żgħar. Il-fibri tar-rix huma miksija b'lega ta' xaħam li ma tħallix l-ilma jxarrab ir-rixa. Sabiex wieħed jipproċessa dawn il-fibri, il-lega tax-xaħam titneħħa permezz ta' kimika li tneħħi x-xaħam. Wara li tqattgħu, il-fibri li ħarġu minn dan il-proċess ġew magħżula skont id-daqs. Ammonti differenti ta' fibri ġew inkorporati fil-konkos sabiex jiġi investigat x'perċentwal ta' fibri għandu jintuża għat-tisħiħ tal-konkos. Il-konkos ġie eżaminat fil-laboratorji tal-Fakultà




*Perċentwali ta' partijiet li jittieklu u skart minn tiġieġa ta' 2.1 kilogramma*

għall-propjetajiet tal-konkos meta jkun għadu frisk. Ġew eżaminati l-karatteristiċi tal-konkos meta jkun beda joqgħod u anki l-qsim li jibda jidher maż-żmien. Barra minn hekk, il-propjetajiet mekkaniċi tal-konkos ġew studjati sabiex jiġi determinat kemm il-konkos huwa b'saħħtu, kemm jikkompressa ruħu, u kemm hu faċli jew diffiċli li jinqasam. Ġie osservat li l-preżenza tal-fibri mir-rix ittejjeb il-proċess ta' kif il-konkos joqgħod, b'inqas qsim fil-konkos, kif ukoll kontroll aħjar fl-iżvilupp ta' xi qsim fil-konkos. B'mod ġenerali, ir-rix tejjeb il-kwalità fil-karatteristiċi tal-konkos.

Min-naħa l-oħra, l-iskart tal-għadam u partijiet tat-tiġiega li ma jittiklux ġew trasformati għal skopijiet agronomi. Xi kumpaniji barra minn Malta jbiddlu dan l-iskart għall-għalf għall-klieb u l-qtates, kif ukoll għal xi annimali tal-irziezet. Dan għaliex il-materjal fih kontenut għoli ta' proteini (40-50%), xaħmijiet (10-15%), kalċju (8-12%), fosfru (4-6%), kif ukoll diversi minerali għall-putassa, sodju, magnesju u ħadid. Il-problema b'dan l-iskart hija li diversi awtoritajiet madwar id-dinja jirrikonoxxu dan l-iskart bħala sors ta' kontaminazzjoni u tixrid ta' mikrobi. Għalhekk f'diversi pajjiżi dal-materjal jiġi mibdul ġo rmied permezz tal-proċess tal-inċinerazzjoni. Xi studji juru li jekk skart jiġi msaħħan ġo ambjent ikkontrollat, minflok wieħed jispiċċa jiġbor l-irmied, l-iskart jista' jtina dak li nsejħulu biochar permezz ta' proċess hekk imsejjaħ piroliżi. Meta l-materjal jiġi inċinerat, is-sustanzi organiċi li nsibu fl-iskart jinħarqu f'ambjent li fih ammont sostanzjali ta' ossiġnu. Fost oħrajn, is-sustanzi organiċi jiġu trasformati ġo dijossidu tal-karbonju, dijossidu tal-kubrit, u dijossidu tan-nitroġenu, u għalhekk ħafna min-nutrijenti jintilfu, barra li ssir ħsara lill-ambjent. Il-proċess ta' piroliżi huwa pjuttost differenti għax il-materjal jissaħħan għal temperatura ta' xi sitt mitt grad Celsius fl-assenza tal-ossiġnu. Għalhekk, il-gassijiet li ssemmew qabel, ma jiffurmawx, u l-materjal isir iswed bħall-faħam. Dan il-materjal huwa għoli fil-karbonju u jinżammu diversi nutrijenti permezz ta' dan il-proċess. Barra minn hekk, mikrobi li setgħu kienu fl-iskart frisk imutu f'temperaturi għoljin. Dan il-biochar ġie analizzat fil-laboratorji tad-Diviżjoni tax-Xjenzi Rurali u tas-Sistemi tal-Ikel u nstab li jżid il-karbonju, iżid il-porożità, kif ukoll jgħin sabiex jinżamm aktar ilma fil-ħamrija.

Il-Fakultà tal-Ambjent Mibni twettaq riċerka fuq it-titjib fil-materjali ta' kostruzzjoni u l-użu ta' materjali addizzjonali minn sorsi naturali għat-tisħiħ tal-materjali konvenzjonali. Diviżjoni tax-Xjenzi Rurali u tas-Sistemi tal-Ikel (RSFSD), fi ħdan l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali twettaq riċerka xjentifika, tassisti fl-ippjanar għall-iżvilupp agrikolu, tipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-komunità rurali lokali u tmexxi teknoloġiji ġodda u moderni fl-agrikoltura Maltija. Il-proġett *RECP* ġie ffinanzjat mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, għal u f'isem il-Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija permezz tal-Programm ta' Eċċellenza fir-Riċerka FUSION: R&I.



# INVESTIMENT F'IMPJANT ĠDID FIL-BIĊĊERIJA GĦALL-PRODUZZJONI TAL-MAZZIT

*Kitba ta' Stefan Cachia – Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika*



*Mazzit jiġi ppreparat għat-tisjir*

Il-Biċċerija Pubblika nidiet impjant ġdid li permezz tiegħu, partijiet terzi, se jkunu jistgħu jippreparaw il-mazzit b'mod li jkun jista' jinbiegħ fi stabbilimenti kummerċjali oħra, u anki jiġi esportat.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo spjega li dan l-impjant ġdid se jkun qed jgħin biex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni fil-prodott lokali, hekk kif raħħala, bejjiegħa tal-laħam u proċessuri oħra se jkunu jistgħu jutilizzaw dan l-impjant mingħajr ma kellhom għalfejn jidħlu fl-investiment sostanzjali li l-ipproċessar tal-mazzit jirrikjedi biex ikun jista' jsir fuq skala industrijali skont regoli u prattiċi ta' iġjene internazzjonali.

"Skont il-liġi, ħwienet tal-laħam li jipproduċu l-mazzit ma setgħux ibigħu lil negozji oħra, u għalhekk dan kien qed jillimita l-possibbiltà li l-prodott jintuża minn ristoranti u stabbilimenti tal-ikel, kif ukoll minn supermarkets u stabbilimenti simili. Permezz ta' dan l-investiment, u l-permess regolatorju miksub mill-Biċċerija, issa kull produttur tal-mazzit li jaħdem dan il-prodott fil-Biċċerija jista' jbigħ il-mazzit tiegħu minn kwalunkwe stabbiliment," spjega l-Ministru Refalo.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Stefan Cachia, Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika spjega kif l-għan aħħari ta' dan l-impjant fil-Biċċerija Pubblika huwa li jkun aċċessibbli għal min għandu n-negozju tiegħu, fejn ikun jista' jipproduċi l-mazzit.

L-impjant, li ġie implimentat permezz ta' investiment ta' madwar mitt elf ewro, ikkofinanzjat minn fondi Ewropej, diġà beda jopera u sa issa diġà hemm żewġ raħħala, li huma wkoll proċessuri tal-laħam li qed jagħmlu użu minn dan l-impjant.

Il-Ministru Refalo temm jgħid, "dan is-servizz, flimkien ma' oħrajn illi ħabbarna fil-ġimgħat u x-xhur li għaddew, qed juri l-impenn tal-Gvern biex, mhux biss jitkellem dwar il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni, iżda jiffaċilita billi b'mod kontinwu qed inwettqu investimenti li jagħtu valur miżjud lill-prodotti agrikoli lokali, kif ukoll jippermettu lill-privat, fosthom raħħala, proċessuri, bejjiegħa tal-laħam u anki ristoranti u stabbilimenti tal-ikel, biex ikomplu jiddiversifikaw il-prodott lokali li joffru."Permezz ta' dan l-impjant, il-Biċċerija se tkun qiegħda tipprovdi l-faċilitajiet neċessarji u tiżgura li l-produtturi tal-mazzit jipproduċuh skont ir-riċetta tradizzjonali waqt li fl-istess ħin jimxu ma' proċeduri ta' iġjene, kwalità u traċċabilità. B'hekk ikun iffaċilitat ukoll il-proċess biex dan il-prodott ikun protett.

*Id-Direttur Ġenerali tal-Biċċerija Pubblika, Stefan Cachia, flimkien mal-Onorevoli Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, Anton Refalo*



*Ritratt ta' Fuq: Tisjira mazzit*
*Ritratti ta' Ramon Portelli*



## KONTROLL TA' AĊĊESS U MIŻURI TA' SIGURTÀ

**Miżuri varji għal aċċess aktar ikkontrollat fl-entratura tal-Għammieri li jtejbu s-sigurtà tal-ħaddiema u l-viżitaturi, installazzjoni ta' traffic calmers, gradi elettriċi, bollards, bankini ġodda, sistema ta' dawl ġdida u sistema ta' CCTV fiż-żona**







# DAĦLA PRINĊIPALI TAL-GĦAMMIERI XOGĦLIJIET FIT-TOROQ

**Sar xogħol ta' asfaltar u nżebgħu mill-ġdid ir-road markings ġewwa l-Għammieri.**













## IR-RAZZETT L-ANTIK

**Xogħol ta' restawr<br>fuq razzett antik b' valur storiku<br>ġewwa l-Għammieri jinsab fil-proċess<br>li jiġi konvertit f'binja għall-Ministeru<br>u l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti.**













# AUSTRALIA HUT

Tiżżarma l-Australia Hut minn ġewwa l-Għammieri sabiex tiġi restawrata minn Lil Din l-Art Ħelwa, struttura b' valur storiku li kienet isservi ta' mudell għad-djar tal-emigranti prospettivi Maltin qabel imorru l-Awstralja









# KAPPELLA

Xogħol ta' restawr u ftuħ mill-ġdid tal-kappella tal-Għammieri















# MEET AND GREET

**Binja ġdida u moderna
fid-daħla tal-Għammieri
li toffri diversi servizzi u li taqdi l-ħtiġijiet
tal-bdiewa, tar-raħħala u tas-sajjieda
minn post wieħed.**













# PARTEĊIPAZZJONI FI SKOLASAJF 2024 – ID-DISA' SENA KONSEKUTTIVA

*Kitba ta' Robert Cutajar – Prinċipal fid-Direttorat għat-Trattment Xieraq tal-Annimali*

## TIRRITORNA L-KOMPETIZZJONI *SELFIE WITH MY PET* WAQT SKOLASAJF 2024

Għad-disa' sena konsekuttiva, id-Direttorat għat-Trattment Xieraq tal-Annimali, flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, se jipparteċipaw fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' SkolaSajf 2024. Bejn l-10 ta' Lulju u s-6 ta' Settembru se jsiru numru ta' żjarat fiċ-ċentri madwar Malta u Għawdex. Matul dawn iż-żjarat, l-istudenti se jingħataw informazzjoni relatata mal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

Barra minn hekk, waqt l-istess żjarat fiċ-Ċentri ta' SkolaSajf, l-istudenti se jingħataw kopja kull wieħed tal-ktieb bl-isem ta' *Molly*. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li, quddiem l-istudenti sħabhom, jaqraw siltiet minn dan l-istess ktieb.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' SkolaSajf 2024 qed terġa' tiġi mnedija l-kompetizzjoni popolari mal-istudenti *Selfie With My Pet*. L-istudenti se jkunu mistiedna sabiex jieħdu stessu mal-annimal domestiku (pet) favorit tagħhom. Wara, ġurija apposta se tiġġudika liema huma l-isbaħ ritratti u liema huma l-aktar ritratti oriġinali li t-tfal ikunu ppreżentaw. Matul Ottubru, fil-Jum Internazzjonali ddedikat lill-Ħarsien tal-Annimali, jitħabbru l-ismijiet tar-rebbieħa tal-kompetizzjoni.

## KOMPLEW IŻ-ŻJARAT FL-ISKEJJEL U FIĊ-ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM

Matul l-aħħar xhur, f'ħidma konġunta bejn id-Direttorat għat-Trattment Xieraq tal-Annimali u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, komplew iż-żjarat f'numru ta' skejjel u Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjani.

Fost dawn iż-żjarat spikkat dik li għamilna fl-Iskola Medja tar-Rabat tal-Kulleġġ San Nikola. F'attività apposta attendew aktar minn 300 student u studenta, flimkien ma' numru sabiħ ta' għalliema u ġenituri. Numru ta' studenti ġabu l-pets tagħhom għal din l-attività u saret preżentazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna bil-parteċipazzjoni tal-kelba Luna. F'kull attività li fiha jkollna l-kelba Luna, hi dejjem tispiċċa tisraq ix-xena bl-istudenti jingħataw l-opportunità li jieħdu ritratti magħha.

Il-laqgħat li komplew isiru fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum qed jintlaqgħu tajjeb ferm mill-anzjani li jattendu f'dawn iċ-ċentri. Matul dawn iż-żjarat wieħed jinnota regolarment l-imħabba li l-anzjani tagħna għandhom lejn l-annimali. Jispikkaw, b'mod partikolari, numru ta' domandi li l-istess anzjani jressqu waqt il-preżentazzjonijiet li jkunu qed isiru. Parti ħelwa li l-anzjani jkunu qed jistennew u li jipparteċipaw fiha bis-sħiħ tkun meta jiġu mistiedna sabiex, bħall-istudenti, jaqraw siltiet minn pubblikazzjonijiet varji li kienu ppubblikati fl-aħħar snin mid-Direttorat flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju.



*Waqt waħda mil-laqgħat fl-iskejjel*



*Waqt attività organizzata mill-Iskola Medja tar-Rabat*



Ritratt ta' fuq: Qafas legali ġdid għall-Agrikoltura
Ritratt ta' Pierre Sammut

# JIDĦOL FIS-SEĦĦ L-ATT DWAR L-AGRIKOLTURA – PARTI MIR-RIFORMA FI ĦDAN IS-SETTUR AGRIKOLU

*Kitba ta' Claire Cauchi – Uffiċjal Agrikolu Prinċipali*

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onorevoli Anton Refalo, flimkien mad-Direttur għall-Agrikoltura Marco Dimech, ħabbar li daħal fis-seħħ qafas legali ġdid għall-agrikoltura, li huwa wkoll parti mir-riforma kontinwa li l-Gvern qed jagħmel fi ħdan dan is-settur tant importanti għal pajjiżna.

Permezz ta' dan l-Att, pajjiżna issa għandu qafas leġiżlattiv li jiġbor taħtu dawk il-liġijiet u r-regolamenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-agrikoltura u li sal-lum dawn il-liġijiet u regolamenti kienu jinsabu mxerrda taħt kapitli differenti tal-liġijiet ta' Malta. B'hekk, dan l-Att se jieħu post il-leġiżlazzjoni lokali kollha li kellha x'taqsam mas-settur agrikolu.

Il-Ministru Anton Refalo qal li bis-saħħa ta' dan l-Att se jkun possibbli li l-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu jibdew joperaw b'mod ħolistiku u jkunu iktar effiċjenti u trasparenti. Dan l-Att jispeċifika wkoll aktar fid-dettall ir-responsabbiltajiet li għandu d-Direttorat tal-Agrikoltura, fosthom, l-iżvilupp u t-twettiq ta' politika agrikola nazzjonali.

Permezz ta' dan l-Att, qed nissalvagwardjaw l-għejxien tal-bdiewa u r-raħħala f'pajjiżna. Id-Direttur għall-Agrikoltura Dimech spjega wkoll li dan l-Att jagħti s-setgħa lill-Ministru responsabbli mill-agrikoltura biex permezz ta' avviżi legali jagħmel regoli, ordnijiet, listi, skedi u tibdil ieħor li jemenda dan l-istess Att. Dan kollu, bla dubju se jkun qed iħaffef il-proċess leġiżlattiv għaliex se jippermetti li jsiru t-tibdiliet neċessarji fl-Att li jirriflettu l-bżonnijiet tas-settur agrikolu.



*Id-DIrettur tal-Agrikoltura Marco DImech jispjega l-Att tal-Agrikoltura*



# IS-SAJD F'MALTA: NESPLORAW IT-TEŻORI TAL-BAĦAR!

*Kitba ta' Venere Sultana – Maniġer 1, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

Lest li tidħol għal avventura eċitanti? Aqbad il-qasba tas-sajd tiegħek u ntefa' max-xtajta ħalli nesploraw l-ilmijiet sbieħ ta' Malta u l-abitanti li nsibu fihom! Malta hija gżira mill-isbaħ fil-Baħar Mediterran, famuża għall-istorja rikka tagħha, temp xemxi, u ikel delizzjuż. Imma taf x'jagħmel lil Malta aktar speċjali? Il-qabda lokali tal-ħut tal-għaġeb tagħha!

Is-sajd f'Malta mhuwiex biss passatemp; huwa stil ta' ħajja għal ħafna nies. Minn sajjieda li jistadu għall-għejxien tagħhom jew bħala passatemp, sa tfal kurjużi bħalkom, kulħadd iħobb jitfa' l-linji tiegħu fil-baħar ikħal u jara x'teżori jista' jsib.

L-ewwel nett, jeħtieġ li niġbru l-irkaptu tas-sajd tagħna. Aqbad il-qasba tas-sajd affidabbli tiegħek, xi lixka, u tinsiex il-protezzjoni mix-xemx tiegħek! L-ibħra Maltin jistgħu jkunu pjuttost xemxin speċjalment f'sajf qalil. Għalhekk huwa essenzjali li nibqgħu protetti waqt li nkunu barra fuq il-baħar.

Ladarba nkunu armati sa snienna, ikun wasal iż-żmien li nintefgħu mal-kosta. Malta hija mdawra b'ilmijiet ċari daqs il-kristall mimlija b'kull xorta ta' ħut jistenna li jinqabad. Aħna u nbaħħru 'l bogħod mix-xatt, sabiħ li nieħdu mument biex nammiraw il-veduti meraviljużi tal-kosta u l-baħar kalm qisu żejt.

Issa ejja nitkellmu fuq il-qabda lokali f'Malta. Waħda mill-ħut l-aktar popolari li tista' taqbad hija l-lampuka, magħrufa wkoll bħala l-*mahi-mahi* jew *Dorado*. Din il-ħuta mlewna hija favorita, kemm fost in-nies tal-lokal, kif ukoll fost it-turisti, imfittxija l-aktar għal-laħam u t-togħma delikata tagħha. Kemm jekk grilljata, moħmija, jew moqlija, il-lampuka hija platt delizzjuż li mhux se tkun trid taqbeż!

Ħuta oħra famuża li nsibu fl-ibħra Maltin hija l-pixxispad. Bil-munqar twil qisu xabla u bil-pinen qawwija tagħha, il-pixxispad hija qabda li minnha kapaċi tħejji ikla ta' re! Kun preparat għal battalja int u tipprova taqbad waħda minn dawn il-ħlejjaq maestużi!

Imma s-sajd f'Malta mhux dwar ħut kbir biss. Hemm ħafna ħut iżgħar x'tiskopri wkoll bħall-kavalli, l-awrat, u l-ispnott. Dan il-ħut b'togħma tajba huwa perfett, kemm għal dawk li għadhom jibdew, kif ukoll għas-sajjieda esperjenzati, u joffri ħafna eċitament waqt is-sajda u ikliet delizzjużi biex jitgawdew mill-familja kollha.

Hekk kif inkomplu l-avventura tas-sajd tagħna, żomm għajnejk miftuħin beraħ għal ħlejjaq oħra tal-baħar li jsejħu l-baħar Malti bħala darhom. Għandek mnejn tilmaħ dniefel jilagħbu u fkieren tal-baħar ġentili. Għalhekk huwa importanti ħafna li nirrispettawhom waqt li nipprattikaw il-passatemp tas-sajd. Il-baħar mimli għeġubijiet, u qatt ma taf x'sorpriżi hemm jistennew taħt il-mewġ.

Is-sajd f'Malta mhuwiex



biss dwar il-qbid tal-ħut imma huwa wkoll dwar ir-rabta man-natura u l-apprezzament tas-sbuħija tal-baħar. Ħu mument biex tirrilassa u tgawdi l-ambjent paċifiku hekk kif tistenna l-qabda kbira li jmiss tiegħek. Kemm jekk qed tistad mal-ħbieb, mal-familja, jew sempliċement tgawdi ftit ħin kwiet waħdek, hemm xi ħaġa purament maġika meta tkun barra fuq il-baħar.

Wara jum ta' sajd b'suċċess, wasal iż-żmien li nerġgħu lura lejn l-art u nsajru l-qabda friska tagħna. Kemm jekk tippreferi sempliċi ħuta grilljata, kif ukoll jekk tkun festa aktar elaborata tal-frott tal-baħar, ma tistax tmur ħażin bil-ħwawar ta' Malta. Agħmel par l-ikla tiegħek ma' xi ħobża friska biż-żebbuġ, u għall-adulti tazza nbid prodotta lokalment tinżel għasel waqt din l-esperjenza perfetta tal-ikel Mediterranju.

Hekk kif ix-xemx tinżel fuq ix-xefaq, u tirrifletti 'l barra mill-ilmijiet trankwilli ta' Malta, ħu mument biex tirrifletti fuq l-avventuri tal-ġurnata. Is-sajd f'Malta huwa aktar minn sempliċiment passatemp; huwa mod kif issir ħaġa waħda man-natura, tesplora t-teżori tal-baħar, u toħloq memorji imprezzabbli.

# Kraft: Sajda mid-Dar

## X'GĦANDEK BŻONN

**Biex tagħmel il-ħut ikollok bżonn:**

- Fowm
- Klipps tal-karti
- Kolla
- Markers
- Għajnejn googly
- Karta

**Biex tagħmel il-qasba tas-sajd:**

- Lapes jew lasta żgħira tal-injam
- Spag jew ħajt
- Żibġa kbira
- Kalamita
- Żebgħa

## METODU:

1. Pinġi xi forom ta' ħut fuq karta vojta u qasqas il-forom differenti tal-ħut. Ittrejsja l-forom tal-ħut fuq folji kkuluriti tal-fowm u qasqashom.
2. Pinġi disinji differenti fuq il-ħut b'marker. Jekk qed tippjana li tuża l-ħut fl-ilma, marker permanenti jżomm l-aħjar.
3. Waħħal il-googly eyes fuq il-ħut u klipp tal-karti mal-ħalq ta' kull ħuta.
4. Żejjen il-lapes tiegħek biż-żebgħa u waħħal biċċa spaga billi torbot għoqda madwar tarf wieħed tal-lapes u żguraha f'postha b'kolla sħuna.
5. Għaddi min-naħa l-oħra l-ispaga minn ġoż-żibġa. Orbot għoqda fit-tarf tal-ispaga biex iż-żibġa toqgħod mingħajr ma tgħaddi u żid il-kolla biex tibqa' f'postha. Fl-aħħar, waħħal il-kalamita tiegħek mal-qiegħ taż-żibġa.
6. Issa tista' taqbad il-ħut billi tista' għalihom bil-qasba li għamilt!



**Tfal, issa li qrajtu dwar is-Sajd f'Malta, tistgħu tidħlu biċ-ċans li tirbħu voucher ta' €20 li jissarraf fi ktieb/kotba mingħand Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk li għandhom 12-il sena jew inqas. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.**

## Mistoqsija: Liema hija l-ħuta mlewna favorita, kemm fost in-nies tal-lokal, kif ukoll fost it-turisti?

**Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, in-numru tat-telefown u l-indirizz, jew permezz ta' email fuq nisgetartna.mafa@gov.mt, jew bil-posta – Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Research and Innovation Hub, l-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2024.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Nisġet Artna Rebbiegħa hija Mariah Zammit.**

